# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Hubert A. Cini)**

**vs**

**Jeffrey Cassar**

Il-Qorti, wara li rat l-imputatazzjonijiet fil-konfront ta` **Jeffrey Cassar** detentur tal-karta tal-identita bin-numri 258584M li permezz tagħhom huwa ġie akkużat talli nhar l-14 t'April 2015 għall-ħabta tad-09:00 fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin inġurja jew hedded jew għamel offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skont il-Liġi minn servizz pubbliku waqt li kien qiegħed jagħmel jew minħabba li kien qiegħed jagħmel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-Liġi fl-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll li tapplika l-Artikolu 33A tal-Kodiċi Kriminali.

Rat l-atti u d-dokumenti eżibiti;

Rat li l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjoni kontra l-imputat.

Semgħet il-provi prodotti;

Rat li matul is-seduta tat-13 t'Ottubru 2015 l-Avukat Difensur informa l-Qorti li l-imputat kien qiegħed jaħdem ma zijuh kif ukoll li wara li ħareġ mill-ħabs kien qiegħed juri bidla fil-mod kif iġib ruħu kemm fil-ħajja personali kif ukoll fil-konfront tal-awtoritajiet.

Fid-dawl ta' din l-istqarrija, il-Qorti ordnat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole sabiex iħejji rapport ta' qabel is-sentenza sabiex tkun tista' tara sewwasew kemm l-imputat kien qiegħed jagħmel progress f'ħajtu.

***Ikkunsidrat : -***

Mix-xiehda ta' CO 72 Christopher Caruana jirriżulta li dakinhar tal-imputazzjoni CO14 Keith Ellul kien ħiereġ minn ħdejn il-main gate u semgħa lill-imputat jgħid espressjoni fis-sens li la joħroġ kien ser isibu. Dan ix-xhud jgħid li kien sar jaf li kien hemm kwistjoni mal-imputat fid-Division fejn kien qiegħed tant li dawn ma kienux jitkelmu bejniethom. Dan l-Uffiċjal jgħid pero li l-imputat kien itenni li CO 14 kien imqabbad miegħu. Dan ix-xhud jgħid li huwa kien ċert li l-imputat kien qiegħed

juża din l-espressjoni fir-rigward ta' CO 72 kemm mill-kuntest kif ukoll mid-direzzjoni ta' dak li kien qal l-imputat.

PC 495 jixhed li l-imputat kien ittardja biex joħroġ miċ-ċella tiegħu u kien ukoll semgħa lill-imputat u lil CO 14 li kienu argumentaw huma u ġejjin lejhom. Dan ix-xhud jgħid li semgħa lill-imputat jgħid li "la noħroġ barra nsibek" u dan kien wara li CO 14 Ellul kien qal lill-imputat kliem fis-sens li "dejjem hekk biex toħroġ għall-Qorti". U kien wara li ntqal dan id-diskors li l-imputat, li kien xi ħames jew sitt metri bogħod minn CO 14 Ellul qallu l-espressjoni fis-sens li la joħroġ barra kien sejjer isibu u dan ukoll meta CO 14 daħal lura. Mill-banda l-oħra PC 495 qal li ma jiftakarx kemm kien hemm nies fil-kamra dak il-ħin. Jgħid ukoll li kien hemm xi lmenti magħmula lejn priġunieri. Biss dan ix-xhud spiċċa biex qal li huwa ma jistax ikun konvint li dik l-espressjoni l-imputat qalha lil CO14.

Ix-xhud prinċipali CO 14 Keith Ellul xehed li dakinhar tal-imputazzjoni għall-ħabta ta bejn it-8:15 u t-8:30 huwa kien mar għall-imputat għaliex l-imputat kellu l-Qorti u dan biex jieħdu sal-main gate. Ġara pero li l-imputat ma kienx għadu lest fis-sens li ma kienx imbiddel għall-Qorti. Jgħid li **kwarta wara** semgħu jgħid il-kliem "la noħroġ barra insibu". Dan id-diskors għalkemm semgħu ma kienx konxju li l-imputat qalu lilu u kienu kollegi tiegħu li qalulu li kien intqal fil-konfront tiegħu. Dan ix-xhud pero jgħid li ma kienx jaf jekk dakinhar lill-imputat qalulux jekk

kellux il-Qorti u kien jaf ukoll li fid-Division 1 kellhom il-problemi. Huwa qal li kien ċert li l-imputat kien qiegħed jhedded lilu, għalkemm tenna wkoll li illum il-ġurnata ma kienx hemm problemi bejniethom.

L-imputat xehed ukoll li dakinhar ma kienux qalulu li kellu l-Qorti qabel u kien fil-għodu stess li qalulu li kellu l-Qorti. Il-Maġġur David kien qallu li kien ser ikollu jqum. L-imputat jiċħad li qal dik l-espressjoni. Huwa jtenni li ma kellux problemi ma' CO 14.

*Ikkunsidrat : -*

Illi mill-kwadru probatorju jirriżulta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-imputat stqarr l-espressjoni fis-sens li la joħroġ mill-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin kien sejjer isibu. L-anqas ma għandha l-iċken dubju li din l-espressjoni hija forma ta' theddid verbali. Il-kwistjoni kollha tibqa' pero jekk dik l-espressjoni mistqarra mill-imputat ġietx pruvata lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni fil-konfront tal-parte ċivile jew fil-konfront ta' ħaddieħor.

CO 72 Christopher Caruana jgħid li huwa kien ċert li l-imputat qal dik l-espressjoni fil-konfront ta' CO 14 Ellul mhux għaliex ġiet rivolta direttament lilu iżda wasal għall-konklużjoni li kienet diretta lejn l-imputat kemm mill-kuntest kif ukoll mid-direzzjoni ta' dak li kien qal l-imputat – erga minħabba ċ-ċirkostanzi li ntqalet fihom dik l-espressjoni.

Stante li din allura taqa' fl-isfera tal-evidenza ċirkostanzjali, din il-Qorti tista' tistrieh fuqha biss jekk din tkun univoka - u f'każ li ma tkunx, il-Qorti ma tistax issib ħtija fuq evidenza ċirkostanzjali ekwivoka.

It-tama tal-univoċita li setgħet toħroġ mix-xhud okulari PC 495 tgħib meta huwa jtenni li ma jiftakarx kemm kien hemm nies fil-kamra dak il-ħin filwaqt li jżid li kien hemm xi lmenti magħmula lejn priġunieri. Dan ix-xhud spiċċa biex qal li huwa **ma jistax ikun konvint** li dik l-espressjoni l-imputat qalha lil CO14. Jekk ma jkunx konvint xhud okulari minn dak li semgħa fir-rigward ta' min dik l-espressjoni intużat, kemm tista' tkun din il-Qorti konvinta moralment biex tistrieh fuq id-deposizzjoni tiegħu għalbiex issib ħtija?

Finalment hemm id-deposizzjoni ta' CO 14 innifsu li jgħid li huwa kien semgħa lill-imputat juża dik l-espressjoni. Biss dan jgħid li dik l-espressjoni semgħu jużaha xi kwarta wara li huwa kien mar biex jeskorta lill-imputat. Huwa jtenni li ma kienx preżenti meta l-imputat stqarr dik l-espressjoni u jżid li kienu l-kollegi tiegħu li qalulu li l-imputat kien hedded lilu. Huwa ma rax u semgħax lill-imputat jhedded lilu personali u x-xiehda okulari ma kienux univoċi fix-xiehda tagħhom dwar il-fatt li l-imputat stqarr dik l-espressjoni fil-konfront ta' CO 14.

In definittiva din il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni ippruvat li probabbilment din l-espressjoni intqalet mill-imputat fil-konfront ta' CO 14. Iżda din il-Qorti ma tistax issib ħtija fuq bażi ta' probabbilita.

## ***Decide***

Li peress li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, il-Qorti qegħda ssib lill-imputat mhux ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u konsegwentement tilliberah minn kull ħtija u piena.

***Mogħtija fil-Qrati tal-Ġustizzja, il-Belt Valletta, illum, 27 ta' Settembru 2016***

***Aaron M. Bugeja***